31978L0170

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-13 ta' Frar 1978
dwar l-effiċjenza ta' ġeneraturi tas-sħana għat-tisħin ta' spazju u għall-produzzjoni tal-misħun f'bini ġdid jew mhux industrijali li jeżisti diġà u dwar dwar l-iżolament tas-sħana u d-distribuzzjoni tal-misħun domestiku f'bini ġdid mhux industrijali

(78/170/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partilolari l-Artikolu 103 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 1974 dwar strateġija politika ġdida ta' l-enerġija għall-Komunitá [3], l-Kunsill adotta l-għan ta' tnaqqis fir-rata ta' tkabbir fil-konsum intern b'miżuri biex l-enerġija tintuża b'mod razzjonali u ekonomiku mingħajr ma' tippreġudika l-għanijiet tat-tkabbir soċjali u ekonomiku;

Billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 1974 dwar programm ta' azzjoni Komunitarja dwar l-użu razzjonali ta' l-enerġija [4], l-Kunsill innota li, fil-komunikati tiegħu lill-Kunsill intitolati "L-użu razzjonali ta'l-enerġija", l-Kummissjoni fasslet programm ta' azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam;

Billi kwalunkwe titjib fl-użu razzjonali ta' l-enerġija jkun ġeneralment ta' benefiċċju għall-ambjent;

Billi s-settur ikkonċernat ma' sistemi ta' tisħin fil-bini jippresta ruħu għal miżuri bħal dawn;

Billi rakkommandazzjoni 76/493/KEE [5], dwar sistemi ta' tisħin ta' bini eżistenti;

Billi fil-każ ta' sistemi ġodda ta' tisħin huwa meħtieġ li jintlaħaq iffrankar ta' enerġija malajr kemm jista' biex dan ikollu influwenza fuq il-konsum totali ta' l-enerġija kif u meta s-sistemi jiġu stallati;

Billi, għal dan il-għan, Direttiva għandha tiġi adottata biex tipprovdi struttura ġenerali li fiha l-Istati Membri għandhom flimkien jesploraw metodi ta' frankar ta'l-enerġija disinjati biex inaqqsu l-impatt tad-diffikultajiet tal-provvista msemmija fl-Artikolu 103(4) tat-Trattat;

Billi ġeneraturi tas-sħana għat-tisħin ta' spazju u l-produzzjoni ta' misħun domestiku f'bini ġdid jew eżistenti mhux industrijali għandhom jiġu spezzjonati fl-istadju tal-manifattura jew waqt l-istallazzjoni;

Billi għandu jsir obbligatorju f'bini mhux industrijali li li jiġi provdut, f'kondizzjonijiet ekonomikament ġustifikabbli, iżolament termali kemm għall-ġeneraturi kif ukoll għas-sistema li biha fluwidi msaħħna jiġu distribwiti;

Billi l-Kummissjoni għandha tirċievi informazzjoni regolari dwar il-miżuri ta' l-implimentazzjoni adottati u r-riżultati miksuba jew antiċipati;

Billi l-miżuri ta' l-implimentazzjoni adottati għal din id-Direttiva għandhom jinkorporaw il-miżuri adottati għall-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma konċernati minn din id-Direttiva u għandhom ikunu diretti biex jiffaċilitaw ix-xogħol ta'l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni li għaddej jew li għandu jinbeda f'dawn l-oqsma kemm f'livell Komunitarju u internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jassiguraw li l-ġeneraturi kollha tas-sħana għat-tisħin ta' spazju u/jew għall-produzzjoni ta' misħun f'bini ġdid jew eżistenti mhux industrijali jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi ta' l-effiċjenza.

Fil-każ ta' ġeneraturi li kapaċi jużaw diversi forom ta' enerġija, l-ħtiġiet minimi għall-effiċjenza għandhom ikunu relatati ma' kull forma ta' enerġija użata.

---

(1) ĠU C 266, tas-7.11.1977, p. 55.
(2) ĠU C 287, tat-30.11.1977, p. 9.
(3) ĠU C 153, tad-9.7.1975, p. 1.
(4) ĠU C 153, tad-9.7.1975, p. 5.
(5) ĠU L 140, tat-28.5.1976, p. 12.

It-terminu ġeneratur tas-sħana għandu, b'mod partikolari, jfisser boilers tal-misħun, boilers tal-fwar, *heaters* ta' l-arja li jinkludu komponenti u speċjalment l-apparat tal-fjamma li jkun adattat għat-tip ta' karburant fossili li jintuża. Ġeneraturi kombinati ta'l-elettriku/tas-sħana użati fil-bini għandhom ukoll jitqiesu bħala ġeneraturi tas-sħana; għal dawn, il-ħtiġiet minimi għall-effiċjenza għandhom ikun relatati mal-produzzjoni massima ta' l-enerġija.

Ġeneraturi elettriċi tas-sħana b'reżistenzi u konnessjonijiet ma' *network* remot ta' tisħin għandhom jiġu eskluži.

Dawk l-apparati li għalihom l-ittestjar tat-tip ma jkunx prattikabbli għandhom ikunu s-suġġett ta' proposta sussegwenti wara studju tekniku xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konformitá mal-ħtiġiet minimi ta' l-effiċjenza tiġi żgurata permezz ta' spezzjoni li ssir mill-fabbrikanti fl-istadju tal-fabbrikazzjoni tal-ġeneratur jew waqt l-istallazzjoni.

3. Il-ġeneraturi tas-sħana suġġetti għal spezzjoni waqt il-fabbrikazzjoni ma' jistgħux jiġu offruti għall-bejgħ jekk dawn ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi dwar l-effiċjenza; il-konformità mar-regoli relevanti għandha tiġi ċertifikata permezz ta' pjanċa tad-data li tagħti d-dettalji minimi li ġejjin:

— l-identitá tal-fabbrikant,

— it-tip ta' ġeneratur tas-sħana u s-sena tal-fabbrikazzjoni tiegħu,

— il-kalibrazzjoni tas-sħana f'kW għal kull tip ta' enerġija prevista,

— it-tip u l-karratteristiċi ta'l-enerġija jew l-enerġiji użati,

— it-temperatura massima tal-likwidu li jsaħħan,

— il-konferma ta'l-ispezzjoni u l-identifikazzjoni tal-korp li jkun għamilha,

— il-konsum ta' kull ġeneratur tas-sħana meta jkun jaħdem skond il-kapaċitá kalibrata.

It-terminu "kalibrar tas-sħana" tirreferi għall-ogħla prodott li jkun jista' jiġi provdut kontinwament mill-ġeneratur tas-sħana.

Meta ġeneratur tas-sħana ta' tip suġġett għal spezzjoni waqt il-fabbrikazzjoni jiġi stallat, l-utent għandu jingħata istruzzjonijiet miktuba dwar l-operat u l-manutenzjoni biex tinkiseb l-ogħla effiċjenza. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom ikunu ġew spezzjonati bl-istess mod bħall-ġeneratur u jinkludu d-dettajli prinċipali tar-riżultati ta'l-ispezzjoni.

4. Fil-każ ta' ġeneraturi tas-sħana suġġetti għal spezzjoni fil-waqt ta' l-istallazzjoni, t-telf ta' l-enerġija m'għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li iżolament ekonomikament ġustifikabbli tas-sistemi tat-tqassim u tal-ħażna jsir obbligatorju f'bini ġdid mhux industrijali, kemm fir-rigward tal-likwidu tat-tisħin kif ukoll tal-misħun domestiku.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għas-sistemi konnessi ma' sistemi ta' tisħin remot.

Dawn għandhom japplikaw ukoll għal ġeneraturi tas-sħana ġodda, inklużi sistemi elettriċi għat-tisħin ta' l-ilma, fil-bini ġdid jew eżistenti kollu mhux industrijali

Artikolu 3

Id-data li minnha ġeneratur tas-sħana ma' jistax jibqa' jiġi stallat aktar, sakemm ma jkunx jaqbel mal-ħtiġiet minimi ta' l-effiċjenza skond l-Artikolu 1, għandha tkun dik ta' l-1 ta' Jannar 1981.

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jgħoddu mill-1 ta' Lulju 1980.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'miżuri meħuda fl-ambitu ta' din id-Direttiva u tar-riżultati miksuba jew antiċipati minn dawn il-miżuri.

Artikolu 5

Din id-Direttiva m'għandha bl-ebda mod tippreġudika miżuri bażati fuq l-Artikolu 100 tat-Trattat.

Artikolu 6

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-13 ta' Frar 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

P. DALSAGER